EMA/301690/2023
EMEA/H/C/003897

# Lonsurf (*trifluridine / tipiracil*)

Ħarsa ġenerali lejn Lonsurf u għalfejn huwa awtorizzat fl-EU

## X'inhu Lonsurf u għal xiex jintuża?

Lonsurf huwa mediċina li tintuża biex tittratta adulti b'kanċer kolorettali (kanċer tal-musrana l-kbira) u kanċer gastriku (tal-istonku) li jkun metastatiku (ikun infirex lejn partijiet oħra tal-ġisem). Jintuża f'pazjenti li diġà ġew ittrattati bi, jew li ma jistgħux jingħataw, trattamenti oħra għall-kanċer tagħhom. Jista' jintuża flimkien ma' bevacizumab (mediċina oħra kontra l-kanċer) għat-trattament tal-kanċer kolorettali.

Lonsurf fih iż-żewġ sustanzi attivi trifluridine u tipiracil.

## Kif jintuża Lonsurf?

It-trattament b'Lonsurf għandu jiġi preskritt minn tabib b'esperjenza fl-użu ta' mediċini kontra l-kanċer. Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

Lonsurf jiġi bħala pilloli li għandhom jittieħdu darbtejn kuljum f'ċerti jiem ta' kull ċiklu ta' trattament. It-trattament b'Lonsurf għandu jitkompla sakemm il-pazjent jibbenefika minnu u l-effetti sekondarji jkunu tollerabbli.

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Lonsurf, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## Kif jaħdem Lonsurf?

Lonsurf huwa mediċina ċitotossika (mediċina li toqtol iċ-ċelloli li jkunu qed jinqasmu, bħaċ-ċelloli tal-kanċer). Fih żewġ sustanzi attivi: it-trifluridine u t-tipiracil.

Fil-ġisem, it-trifluridine tinbidel f'forma attiva li hija inkorporata fid-DNA, il-materjal ġenetiku taċ-ċelloli. B'riżultat ta' dan, it-trifluridine tinterferixxi mal-funzjoni tad-DNA u tipprevjeni liċ-ċelloli milli jinqasmu biex jagħmlu aktar ċelloli.

Il-konverżjoni tat-trifluridine għall-forma attiva tagħha ssir iktar malajr fiċ-ċelloli tal-kanċer milli f'ċelloli normali, u dan iwassal għal livelli ogħla tal-forma attiva tal-mediċina u li l-azzjoni ddum iktar

**Official address** Domenico Scarlattilaan 6 ● 1083 HS Amsterdam ● The Netherlands

**Address for visits and deliveries** Refer to www.ema.europa.eu/how-to-find-us
**Send us a question** Go to www.ema.europa.eu/contact **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union

© European Medicines Agency, 2023. Reproduction is authorised provided the source is acknowledged.

fiċ-ċelloli tal-kanċer. Dan inaqqas it-tkabbir taċ-ċelloli tal-kanċer, filwaqt li ċ-ċelloli normali jkunu affettwati biss ftit.

It-tipiracil iżżid il-livell tat-trifluridine fid-demm billi tnaqqas ir-rata ta' tkissir tagħha. Dan jirrinforza l-effett tat-trifluridine.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' Lonsurf li ħarġu mill-istudji?

Lonsurf tawwal is-sopravivenza ġenerali (kemm għexu l-pazjenti wara li bdew it-trattament) f'pazjenti b'kanċer kolorettali metastatiku u f'pazjenti b'kanċer gastriku metastatiku. Il-pazjenti kollha fl-istudji kienu rċevew trattamenti oħrajn qabel.

**Kanċer kolorettali**

Fi studju wieħed ewlieni li kien jinvolvi 800 pazjent, dawk ittrattati b'Lonsurf għexu medja ta' 7.1 xhur meta mqabbla ma' 5.3 xhur għal pazjenti li kienu ttrattati bil-plaċebo (trattament fint). Il-pazjenti kollha rċevew trattament ta' appoġġ.

Fit-tieni studju ewlieni li kien jinvolvi 492 pazjent, dawk ittrattati b'Lonsurf u bevacizumab għexu medja ta' 10.8 xhur, meta mqabbla ma' 7.5 xhur għall-pazjenti li ngħataw Lonsurf biss.

**Kanċer gastriku**

Fi studju li kien jinvolvi 507 adulti li jbatu minn kanċer gastriku metastatiku, il-pazjenti ttrattati b'Lonsurf għexu medja ta' 5.7 xhur meta mqabbla ma' 3.6 xhur għall-pazjenti li rċevew il-plaċebo. Il-pazjenti kollha rċevew trattament ta' appoġġ.

## X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Lonsurf?

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet ta' Lonsurf, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Meta jintuża waħdu, l-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Lonsurf (li jistgħu jaffettwaw aktar minn 3 persuni minn kull 10) jinkludu newtropenija (livelli baxxi ta' newtrofili, tip ta' ċellola bajda tad-demm li tiġġieled l-infezzjoni), nawżja (tħossok ma tiflaħx), għeja u anemija (livelli baxxi ta' ċelloli ħomor tad-demm).

Meta jintuża f'kombinazzjoni ma' bevacizumab, l-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Lonsurf (li jistgħu jaffettwaw aktar minn 3 persuni minn kull 10) jinkludu newtropenija, għeja u nawżja.

## Għaliex Lonsurf ġie awtorizzat fl-UE?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Lonsurf huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE. L-Aġenzija kkunsidrat li l-benefiċċju ta' Lonsurf li jtawwal is-sopravivenza f'pazjenti li jbatu mill-kanċer kolorettali metastatiku u mill-kanċer gastriku metastatiku li rċevew trattament preċedenti kien importanti.

Fir-rigward tas-sigurtà tiegħu, għalkemm l-effetti sekondarji ta' Lonsurf jistgħu jkunu serji, dawn huma konformi ma' dak li jista' jkun mistenni għal din it-tip ta' mediċina. L-Aġenzija kkunsidrat li l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ huma adegwati sabiex jiġġestixxu dawn ir-riskji.

## X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Lonsurf?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Lonsurf.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-*data* dwar l-użu ta' Lonsurf hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrappurtati b'Lonsurf huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tipproteġi lill-pazjenti.

## Informazzjoni oħra dwar Lonsurf

Lonsurf irċieva awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha fil-25 ta' April 2016.

Aktar informazzjoni dwar Lonsurf tinstab fis-sit web tal-Aġenzija: ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/lonsurf.

Din il-ħarsa ġenerali ġiet aġġornata l-aħħar f'07-2023.